# ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

Aħbarijiet

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/34

# Aġġornament ta' REACH-IT skedat għall-11 ta' Lulju

## L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) sejra toħroġ il-verżjoni l-ġdida ppjanata ta' REACH-IT fil-11 ta' Lulju 2012. Minn dakinhar 'il quddiem, l-ECHA sejra taċċetta biss dossiers maħluqin b'IUCLID 5.4. REACH-IT ma jkunx disponibbli fi tmiem il-ġimgħa mill-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2012 fis-14.00 (EET) sabiex tiġi installata l-verżjoni l-ġdida.

**Ħelsinki, 28 ta' Ġunju 2012** – REACH-IT sejra tiġi aġġornata sabiex taċċetta u tipproċessa dossiers maħluqin b'IUCLID 5.4, li ħareġ kmieni f'Ġunju 2012.

REACH-IT mhux se tkun aċċessibbli mill-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2012 fis-14.00 (Ħin tal-Ewropa tal-Lvant) sal-11 ta' Lulju 2012 fid-9.00am, sabiex l-ECHA tinstalla l-verżjoni l-ġdida tas-softwer u temigra d-dejta mill-verżjoni attwali għall-verżjoni l-ġdida ta' REACH-IT.

Mill-11 ta' Lulju 2012, REACH-IT sejra taċċetta biss dossiers tal-industriji mħejjija b'IUCLID 5.4. Dan japplika għat-tipi ta' dossier kollha sottomessi fil-format ta' IUCLID. Dossiers magħmula mingħajr IUCLID (bħal mistoqsijiet online) mhumiex affettwati b'din il-bidla.

Sal-aġġornament, dossiers b'IUCLID 5.3 biss jistgħu jiġu aċċettati b'REACH-IT.

Il-manwali għall-ħolqien, kontroll u sottomissjoni ta' dossiers b'IUCLID li jużaw REACH-IT (jiġifieri Manwali ta' Sottomissjoni tad-Dossiers u Manwali tal-Utent Industrijali ta' REACH-IT) sejrin jiġu aġġornati u ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ECHA simultanjament mal-ħarġa l-ġdida ta' REACH-IT. Manwali relevanti relatati mad-disseminazzjoni tal-informazzjoni u talbiet għal kunfidenzjalità sejrin jiġu aġġornati wkoll.

Minħabba li hemm plug-ins ta' IUCLID 2009 disponibbli sabiex jgħinu lil reġistranti jħejju d-dossiers ta' REACH tagħhom (jiġifieri l-plug-ins tal-Kontroll tal-Kompletezza Teknika, tal-Kalkolu tad-Drittijiet, tad-Disseminazzjoni u tal-CSR). Dawn il-plug-ins ġew aġġornati u sejrin ikunu disponibbli fuq il-websajt tal-IUCLID fl-istess ġurnata tal-ħruġ tal-verżjoni l-ġdida ta' REACH-IT. L-ECHA tħeġġeġ lill-kumpaniji sabiex dejjem jikkontrollaw id-dossiers tal-IUCLID tagħhom billi jużaw dawn il-plug-ins qabel is-sottomissjoni permezz ta' REACH-IT.

## Aktar tagħrif

REACH-IT
https://reach-it.echa.europa.eu/

Il-websajt ta' IUCLID
http://iuclid.eu/

Data Submission Manuals and REACH-IT Industry User Manuals (Manwali ta' Sottomissjoni tad-Dejta u Manwali tal-Utent Industrijali ta' REACH-IT) (Għall-ewwel, il-manwali aġġornati sejrin ikunu disponibbli fil-verżjoni bl-Ingliż biss)
http://echa.europa.eu/mt/support/dossier-submission-tools/reach-it

Mistoqsijiet u tweġibiet dwar id-disseminazzjoni u l-pretensjonijiet tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tal-Folja tad-Dejta tas-Sigurtà f'IUCLID 5.4 (Twissija tal-aħbarijiet tas-7 ta' Ġunju 2012)
http://echa.europa.eu/web/guest/view-article/-/journal_content/5a35fc19-9d8e-4143-8dd7-50dfd42a5745

IUCLID 5.4 issa huwa disponibbli (Twissija tal-aħbarijiet tal-5 ta' Ġunju 2012)
http://echa.europa.eu/view-article/-/journal_content/0aa0c0b2-8e88-40d7-9bdf-45ac65c2c351

L-ECHA sejra taġġorna REACH-IT u IUCLID 5 (Twissija tal-aħbarijiet tal-11 ta' April 2012)
http://echa.europa.eu/en/view-article/-/journal_content/22c22fe1-f670-426f-903f-541586de45e7

Helpdesk tal-ECHA
http://echa.europa.eu/web/guest/support/helpdesks/echa-helpdesk

Annankatu 18, P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finland | Tel. +358 9 686180 | Fax +358 9 68618210 | echa.europa.eu